***Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan***

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 20– 27 ta' Awwissu 2025**

***Minuti tal-għoxrin laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar is-27 t' Awissu ta' Lulju 2025 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 20. Il-laqgħa bdiet fis-6:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

20.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku Joseph Agius sekondat mill-Kunsillier Mario Attard, il-minuti ġew approvati unanimament.

20.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsill li l-Enemalta ghaddejjin bix-xogħol tat-tibdil u zieda ta' cables f'Ħal Mula. Ix-xogħol beda anke f'Hal Qormi u s-Siggiewi. Fl-istess xogħlijiet ser ikunu nkoporati ukoll tlett zebra crossings mqassmin fi Triq Ganni Bonnici u Triq Ewgenju Borg.
- Qed isir il-paper work neċċessarju sabiex isiru culverts ġodda fi Triq Frans Sammut, Triq il-Kurkanta, Triq Hal Mula u f'Misraħ Ħal Dwieli.
- Fil-ġiebja ta' Triq Sciortino qed isir il-kisi tal-ġiebja l-ġdida u qabel isir tindif tal-istess ġiebja minħabba li laħaq daħal xi ilma.
- Dwar Ġnien l-Indipendenza s-Sindku Steve Zammit Lupi qal li qed jistenna id-data tal-inawgurazzjoni. Ix-xogħol issa huwa kwazi lest u kull ma baqa hija l-isnag list.
- Il-Project Green wettqu xi tindif gewwa Triq it-Troll limiti ta Wied Qirda.
- Dwar Heavy Vehicles, is-Sindku qal li Haz-Zebbug jintuza bħala short-cut anke minħabba t-traffiku minn diversi vetturi li ma jkunux ser jagħtu servizz hawn stess. Il-Kunsill m'għandux poteri eżekuttivi biex jħarrek.Hemm bżonn li t-tabelli tal-Heavy Vehicles ikunu kollha rregolarizzati u fejn hemm bżonn isiru ġodda. Jeħtieġ li jsiru

cameras biex naraw kif nipproċedu anke minħabba rapport li sar wara dawn il-vetturi fi Triq il-Kbira u li ntlabna nformazzjoni mill-Ombudsman.

- Dwar Triq l-Indipendenza u s-sistema ta' traffiku l-ġdida kien hemm resident li qablu u oħrajn le. Pero jidher li din is-sistema ndrat mhux ħażin.
- Is-Sindku Steve Zammit Lupi informa lill-Kunsill dwar xi sitt toqob li kienu mitluba li jsiru fil-pjazza u li ħa jintużaw miż-żewġ każini u li ser isiru mill-KSBF u li se jkollhom għotjin tal-ħadid li ser ikunu spiża tagħhom.
- Is-Sindku Steve Zammit Lupi informa lill-Kunsill li Gianluca d'Amato informah aktar kmieni dakinhar li kien qed jirriżenja minn postu minħabba opportunita aħjar.
- Is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur il-ġdid tal-knis kien ser jibda mill-ewwel ta' Settembru 2025.
- Dwar l-immaniġjar tat-traffiku fiz-zona tad-Dawl, mir-riżultati tat-traffic counts li saru, jidher biċ-ċar r-residenti ta' l-akwata jibbenefikaw jekk id-direzzjoni tat-traffiku tkun mill-Kandlora lejn Triq Dun Karm Psaila, dejjem direzzjoni lejn il-Peridot. It-traffic counts juru b'din is-sistema it-traffiku jonqos b'60% jekk traffiku joħroġ lejn Siġġiewi u filwaqt li jekk id-direzzjoni tkun bil-kontra, it-traffiku jonqos b'36%. Għaldaqstant wara li -Sindku Steve Zammit Lupi sekondat mill-Viċi-Sindku Joseph Agius, ppropona li kellha tiġi preżentata il-proposta li d-direzzjoni tat-traffiku tkun minn Triq Dun Karm Psaila lejn il-Peridot ittieħed vot li kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha ħlief għall-astensjoni mill-Kunsillier George Cortis.
- Is-Sindku Steve Zammit Lupi semma wkoll li mal-IM, dwar il-junctions ta' Triq il-Kandlora, il-pjanijiet għadhom għaddejjin.

20.3 Tenders

Dan l-item ġie deċiż li jkun diskuss f'laqgħa fil-jiem sussegwenti.

20.4 Kollezzjoni ta' Skart

Wara diskussjoni kemm hemm qbil li l-iskart jibqa jinġabar matul il-ġurnata u mhux matul il-lejl. Ir-Reġjun kellu jkun mgħarraf.

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal wkoll li kienu ser jitwaħħlu rotational cameras bit-tabelli

Dwar dan kollu kien hemm qbil unanimu fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondata mill-Kunsillier George Cortis.

20.5 Attivitajiet Kulturali

Is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsill li kien qed jitħejja poster ta' Festa Tfal tal-20 ta' Settembru 2025.

Fl-10 ta' Ottubru 2025, kienet ser Għaż-Żiffa taż-Żebbuġ li fiha qed isiru l-arranġamenti sabiex jieħdu sehem Ta' Verna. Sterjotipi, Bernie & the Pods kif ukoll Dario u l-Muni.

Jum Ħaż-Żebbuġ ser jkun iċċelebrat il-Gimgħa 24 t' Ottubru 2025 ġewwa l-Iskola Primarja.

Dwar Wirja taż-żwiemel kien deċiż li sabiex ma ttellifx attivitajiet oħra tal-istess tema ġewwa Ħaż-Żebbuġ, kienet ser issir f' Mejju li ġej.

20.6 Bus Shelters

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jieħu l-inizjattiva fuq fejn hu finanzjarjament possibbli, isiru shelters temporanji, fosthom Triq il-Poeżija u Triq Ħal Mula, kif ukoll Triq il-Mitħna, u anke fi Triq Sciortino. Kien hemm qbil unanimu għal din il-proposta mils-Sindku Steve Zammit Lupi sekondata mill-Kunsillier Paul Baldacchino.

20.7 Vot tal-Flus

Kien propost mis-ll-Kunsillier Mario Attard li l-vot tal-flus ikun approvat kif preżentat. Kien sekondat mill-Kunsillier Paul Baldacchino. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

20.8 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sabiex jiġi diskuss l-item tat-tenders fl-4 ta' Settembru 2025. Din il-laqgħa spiċċat fit-8:55pm.

**Steve Zammit Lupi**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**